**389. L-Onor. Marlene Farrugia u l-Onor David Agius jipproponu:**

Billi din il-Kamra hija l-ogħla istituzzjoni ta' pajjiżna li għaliha l-poplu Malti u Għawdxi jeleġġi b'mod demokratiku u rappreżentattiv r-rappreżentanti tiegħu biex dawn jilleġiżlaw għall-ġid komuni u fl-interess nazzjonali;

Billi din il-Kamra trid tirrikonoxxi bl-aqwa mod il-kontribut taż-żgħażagħ fis-soċjetà tal-llum għat-tfassil ta' liġijiet u politika li jkunu ta' fejda u fl-interess dirett taż-żgħażagħ Maltin u Għawdxin;

Billi l-ogħla forma ta' kontribut fil-ħajja demokratika huwa d-dritt tal-vot għall-elezzjoni tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati;

Billi llum iż-żgħażagħ Maltin u Għawdxin ta' 16-il sena ma jistgħux jivvutaw fl-elezzjonijiet għall-Kamra tad-Deputati għax il-Kostituzzjoni ta' Malta fl-artiklu 57 tgħid li dawk li għandhom inqas minn 18-il sena ma jistgħux ikunu eletturi għall-elezzjoni ta' Membri tal-Kamra tad-Deputati;

Billi din il-Kamra tqis li hu xieraq u ġust li ż-żgħażagħ ta' 16-il sena li llum jistgħu legalment jaħdmu, iħallsu t-taxxi u jikkontribwixxu għall-ħolqien tal-ġid nazzjonali u għat-tkabbir tal-ekonomija, u jistgħu anke legalment jiżżewwġu u jibnu l-familja li hija l-ġebla tax-xewka tas-soċjetà tagħna, dawn għandhom ukoll ikollhom il-jedd li jkunu eletturi għall-elezzjoni tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati;

Għaldaqstant din il-Kamra tirriżolvi u tiddeċiedi li b'mod immedjat il-Kostituzzjoni ta' Malta tiġi emendata fl-artikolu 57 (b) tagħha biex l-età minima għall-elettur għall-elezzjoni tal-Kamra tad-Deputati tkun 16-il sena.

26.09.16